**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 412/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Charlotte Curmi)**

**vs**

**Brian SPITERI**

**Illum, 29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar it-30 ta' Ottubru 2023 fil-konfront ta' **Brian SPITERI**, bin Joseph u Rosina nee` Camilleri, imwieled fil-31 ta' Marzu 1968, residenti 46, Claddagh, Fl 1, Triq l-Għargħar 1979, Qormi u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 149068(M), li ġie mixli talli:

   Nhar il-21 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tad-08:45hrs fi Triq San Ġeraldu, San Pawl il-Baħar, saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni HBP 816:

1. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata;

2. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluża;

3. U talli saq l-imsemmija vettura b'manjiera bla kont;

4. U b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, involontarjament ikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Sebastiano Greco [1] mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, skont kif iċċertifika Dr. C. Refalo MD mill-MDH.

Il-Prosekuzzjoni talbet li jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tnaqqas il-punti mil-liċenzja tas-sewqan hekk kif stabbilit mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 Art 36B u fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 Sitt Skeda.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, ma sabitx lill-imputat **Brian SPITERI** (illum l-appellat) ħati tal-ebda waħda mill-imputazzjonijiet u lliberatu minn kull ħtija u piena.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza u talbet lil din il-Qorti sabiex "*tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u ssib lil Brian Spiteri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena adegwata u skont il-liġi*".

[1] Korrezzjoni awtorizzata mill-Ewwel Qorti fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022, a fol. 12 tal-proċess.

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi l-partijiet trattaw il-mertu tal-appell quddiem din il-Qorti fl-udjenza miżmuma nhar id-19 ta' Mejju 2024, b'dan illi Dr. Francina Abela għall-parte ċivile Sebastiano Greco, iddikjarat illi ma kellha xejn x'iżżid mat-trattazzjoni ta' Dr. Yvette Borg Cardona għall-Avukat Ġenerali.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar il-21 ta' Ġunju 2021 għall-ħabta tad-8.50 a.m., il-Pulizija ġewwa l-Għassa tal-Qawra rċievew telefonata mill-*Control Room* fis-sens illi kienet seħħet ħabta bejn żewġ trakkijiet ġewwa Triq San Ġeraldu, San Pawl il-Baħar u li kien hemm persuna, ċertu Sebastiano Greco, maqbuda bejniethom. Għalhekk PS 900 S. Mifsud u PC 1228 marru fuq il-post, fejn diġa` kienet ġiet imsejħa ambulanza, b'infermiera u żewġ tobba preżenti. Irriżultalhom illi l-vittma kien mitluq mal-art u kellu ammont ta' demm konsiderevoli ħiereġ minn saqajh ix-xellugija. Fuq il-post, Greco ma setax jiġi mitkellem stante illi kien muġugħ ħafna u ġie rikoverat ġewwa l-isptar Mater Dei għall-assistenza medika.

6. Fuq il-post ġie mitkellem ix-xufier tat-trakk HBP 816, ossia l-appellat odjern, li ta l-verżjoni tiegħu dwar l-inċident. Hemmhekk tħalla PC 1228, sakemm tiġi stabbilita l-kundizzjoni tal-vittma u PS 900 ħa l-qisien neċessarji sabiex ikun jista' jħejji skizz tal-akkadut. Jirriżulta wkoll illi għall-ħabta tal-11.15 a.m., PS 900 S. Mifsud ġie infurmat illi Greco ma kienx fil-perikolu li jitlef ħajtu, iżda ġarrab ġrieħi gravi, kif iċċertifikat minn Dr. Carlo Refalo (Reg. 3235). Għaldaqstant, tneħħew it-trakkijiet minn fuq il-post tal-inċident.

7. Nhar is-26 ta' Ġunju 2021 ġie mitkellem Sebastiano Grech ġewwa l-isptar Mater Dei, li ta l-verżjoni tiegħu bil-lingwa Taljana. Iċ-ċertifikat mediku fir-rigward ta' Greco ġie miġbur minn PS 990 u meħud ġewwa l-Għassa tal-Qawra, fejn ġie anness mar-rapport, redatt mill-istess PS 990 Steve

Mifsud.[2] L-affidavit ta' Dr. Carlo Refalo, li ċċertifika l-ġrieħi subiti minn Greco bħala ġrieħi gravi, ġie esebit mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Qorti, a fol. 14 tal-atti proċesswali.

8. Illi nhar l-14 ta' Diċembru 2022, inbdew il-proċeduri kontra l-appellat **SPITERI** quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u wara li dik il-Qorti semgħet il-provi prodotti, kif ingħad, nhar it-30 ta' Ottubru 2023 għaddiet għas-sentenza fejn illiberat lill-appellant minn kull ħtija u piena fir-rigward tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. L-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza.

9. Illi l-aggravju li ġie sottopost għall-ġudizzju ta' din il-Qorti mill-Avukat Ġenerali huwa għal kollox iċċentrat fuq l-eżerċizzju ta' apprezzament żbaljat ta' provi li għamlet l-Ewwel Qorti. L-Avukat Ġenerali ssostni li Sebastiano Greco kien ċar fix-xhieda tiegħu meta sostna illi huwa daħal bejn it-trakkijiet biss wara li l-appellat kien waqaf jimmanuvra t-trakk misjuq minnu. Skont l-istess Avukat Ġenerali, Greco dejjem kien konsistenti fil-verżjoni tiegħu, tant illi x-xhieda tiegħu tikkombaċja perfettament mal-verżjoni mogħtija minnu *a tempo vergine* meta ġie mitkellem mill-Pulizija. Greco kien ċert illi l-appellat kien waqqaf it-trakk, u ma kienx sempliċiment assuma jew ħaseb illi dan waqqaf l-istess trakk, kif ġie allegat mill-appellat u deċiż mill-Ewwel Qorti. In oltre, skont l-Avukat Ġenerali, is-sewqan tal-appellat kien traskurat, bla kont, u perikoluż, u dan għar-raġunijiet indikati minnha fir-rikors tagħha, u illi tirriżulta dik ir-rabta li teħtieġ il-liġi bejn l-event dannuż u l-imġieba negliġenti tal-appellat, b'dan għalhekk illi l-appellat kellu jinstab ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Mill-banda l-oħra, l-appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jsostni kif il-*parte civile* kien imprudenti meta għażel li jinserixxi ruħu bejn iż-żewġ trakkijiet, mingħajr ma qabel aċċerta ruħu li l-istess appellat kien waqaf mill-manuvri kollha neċessarji b'rabta max-xogħol ta' tqegħid ta' konkos li kellu jsir dakinhar fuq is-sit in kwistjoni.

10. Illi fir-rigward tal-aggravju tal-Avukat Ġenerali, il-Qorti tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) tal-21 ta' April

[2] Ara l-affidavit ta' PS 990 Steve Mifsud, a fol. 9 u 10 tal-proċess.

2005, fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit** fejn ingħad is-segwenti:

> ... kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.[3]

11. Illi l-ewwel tliet imputazzjonijiet huma bbażati fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, liema dispożizzjoni tal-liġi tqis bħala reat is-sewqan ta' vettura bil-mutur li jsir b'mod traskurat, bla kont jew b'mod perikoluż. Kif ingħad b'mod kopjuz f'diversi sentenzi tal-Qrati Maltin, il-liġi ma tipprovdix definizzjoni ta' din it-terminoloġija, iżda huwa paċifiku kif dawn jirreferu għal sewqan li jiddipartixxi minn dak l-istandard ta' sewqan li huwa mistenni minn sewwieq prudenti u diliġenti f'ċirkostanzi partikolari. Hawnhekk din il-Qorti tirreferi għas-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997, fejn ingħad hekk dwar sewqan traskurat, sewqan bla kont u sewqan perikoluż:

[3] Fir-rigward, dik il-Qorti rreferiet ukoll għas-segwenti sentenzi: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991.

**Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jlahhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-*Highway Code* li jincidu fuq il-mod jew kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat. **Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilita` ta' ħsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. **Sewqan perikoluz** (*dangerous driving*) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-hin u l-lokalita` tal-incident u l-prezenza o meno tat-traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz – (ara ***The Police vs Charlotte Chamberlain***, *App. Kriminali 21/5/1996).*

12. Kif qalet din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Gellel** tad-19 ta' Frar 2004, liema sentenza saret referenza għaliha f'diversi sentenzi oħrajn, fosthom dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Debattista** tas-26 ta' Mejju 2004 u **Il-Pulizija vs Luke Camilleri** tas-27 ta' April 2023, ukoll ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta:

"...kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) **negligenti**; jew (ii) **bla kont** jew (iii) **perikoluz** hi kwistjoni ta' '**degree**' (App. Krim. **Pul. vs. Charles Bartolo** [14.3.59]; **Pul. vs. Wilson** [Vol. XXXIX p.1018] u **Pul. vs. Alfred Vella** [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. **Pul. vs Hardingham**,

> [19.10.1963]). Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim**. Pul. vs. Charles Farrugia** [Vol. XXXIX p. 1018]). "Recklessness" giet definita bhala "*wilfully shutting one's eye*" (App. Krim. **Pul. vs. Joseph Aquilina**, [20.4.1963]). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. **Pul. vs. Antonio Spiteri** [Vol. XLIV p. 892])"

13. Fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Neil Dalli** tat-22 ta' Ġunju 2023, din il-Qorti, kif diversament preseduta, irrilevat is-segwenti:

> 49. Illi, il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi regolamenti li l-għan tagħhom huwa li jiggarantixxu ordni fit-toroq bl-impożizzjoni ta' sanzjonijiet li jippenalizzaw lis-sewwieqa li ma josservawhomx. L-iskop tal-Liġi huwa li tħares lil sewwieqa, pedestrians u persuni oħra minn inċidenti fejn jista' jkun hemm ħsara fiżika jew patrimonjali. L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta ma tagħtix definizzjoni ta' 'sewqan traskurat' u 'sewqan perikoluż'; però huwa mifhum ġurisprudenzjalment li din neċessarjament tirreferi għal sewqan li jkun jiddipartixxi kien dak is-sewqan kawt, diliġenti u responsabbli li huwa mistenni minn kull sewwieq sabiex ma jikkawżax sinistri stradali u jkun ta' ħsara lil terzi.
>
> 50. Sewqan spavald jew li ma jkunx isegwi dawk in-normi ta' sikurezza li teħtieġ il-Liġi, ikun jammonta għall-sewqan traskurat in kwantu nieqes minn dawk il-konsiderazzjonijiet li jeħtieġ li jagħmel sewwieq bil-għan li ma jkunx ta' perikolu għall-ħaddieħor; daqskemm sewqan perikoluż ikun wieħed għal kollox azzardat u realment ta' perikolu għall-ħaddieħor.

14. Illi fejn *si tratta* ta' reat naxxenti minn inċident ikkawżat bi ħsara ta' terzi fil-waqt li wieħed ikun qiegħed jadopera vettura bil-mutur, huwa wkoll neċessarju li l-Qorti twettaq eżerċizzju ta' stħarriġ tal-kwadru probatorju kollu sabiex tislet jekk l-aġent tar-reat ikunx eżerċita dik l-hekk imsejħa *a proper look out* fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Dwar il-kunċett ta' *proper lookout* ingħad hekk minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Josephine Dimech** tat-23 ta' Ġunju 2020:

33. Sewwieq ta' vettura għandu dmirijiet li jrid iżomm u josserva f'kull waqt li jkun qiegħed bl-*isteering wheel* f'idu. Karozza fi triq tista' tkun letali daqs arma proprja jekk mhux użata u misjuqa bil-għaqal meħtieġ. Kull sewwieq irid f'kull ħin iżomm il-*proper look-out* bil-mezz viżiv kif ukoll bil-mezz tas-smiegħ …

34. Is-sewwieq irid dejjem iżomm *proper look-out* u jsuq b'attenzjoni partikolari lejn iċ-ċirkostanzi u l-kondizzjonijiet prevalenti fit-triq, b'mod li jkun jista' jagħmel evalwazzjoni f'waqtha tas-sitwazzjoni li jkun qiegħed isuq fiha u dan sabiex jevita li jkun hemm riskju ta' kolliżjoni ma vetturi oħra jew inċidenti ma *pedestrians*. Id-dover ta' *proper lookout*, :

> '...gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "driver to see what is in plain view". (App. Krim. "Il-Pul. vs. Joseph Vella" – [10.8.1963]) u li "min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout" (Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. J.M. Laferla, [17.6.1961])." In oltre "..kif gie ritenut fi "NEWHAUS N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd" (1968) :-
>
> "Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – <u>it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity</u>. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well." (sottolinear ta' din il-Qorti)

15. Illi r-raba' imputazzjoni, imbagħad, hija dik ibbażata fuq dak ravviżat fl-Artikolu 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, liema dispożizzjoni tal-Liġi taqra bil-mod segwenti:

> Jekk minħabba l-fatti imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan issir offiża fuq il-persuna, l-akkużat, meta jinsab ħati, jeħel –
>
> (b) jekk l-offiża tkun gravi mingħajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)

Illi b'rabta ma' dan l-artikolu tal-liġi, l-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali jaqra hekk:

> Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

16. Għalhekk skont dak li jipprovdi l-Artikolu 226(1) tal-Kodiċi Kriminali, meħud flimkien ma' dak dispost fl-225(1) tal-istess Kodiċi, huwa ħati ta' reat ta' offiża involontarja fuq il-persuna kull min jikkawża offiża lil terzi bħala konsegwenza diretta tal-aġir kolpuż tiegħu konsistenti f'nuqqas ta' ħsieb, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew f'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti. Jingħad minnufih illi l-liġi tagħna ma tipprovdix definizzjoni tal-kliem '*nuqqas ta' ħsieb*' u '*traskuraġni*' adoperat f'dan l-artikolu, b'dan illi kif jgħid il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, *Lectures in Criminal Law*, "*it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances. As to the other two expressions, viz., 'unskilfulness' and 'non-observance of regulations', they are self-explanatory ... no negligence in respect of those offences is criminally liable unless it manifests itself in one or another of these forms (Vide Maino, op, cit., Vol. III, §1623; Chaveau et Helie "Teorica........", Vol. II, Pt. II, p.6).*"[4]

17. Fir-rigward, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et</u>** tal-31 ta' Lulju 1998, din il-Qorti, kif diversament preseduta, irrilevat is-segwenti:

> Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuża derivanti minn atti ta' negliġenza, imprudenza, imperizja u non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili:

[4] Ara paġna 69 tal-ewwel Volum.

L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jieħu l-opportuni kawteli;

In-negliġenza tiġi mid-diżattenzjoni u disakkortezza ta' l-aġent fil-kondotta tiegħu;

L-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali, ċjoe` kif jgħid il-Manzini: "*inettitudine e insufficienza professionale generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*";

Il-kulpa tista' tkun ukoll dovuta għan-non-osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili bħalma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita` ta' ħsara u dannu lil terzi, ċjoe` dawk li jkollhom l-element ta' prevenzjoni, bħalma hi l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Taħt dawn il-forom ta' kondotta kolpuża, sia minħabba imprudenza, negliġenza, u imperizja, sia minħabba nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, hemm differenza essenzjali, dik tal-prevedibilita`. Il-prevididibilita` tibqa' essenzjali taħt kull forma ta' kulpa, iżda fi gradi differenti. Hi tibqa' dejjem in-nota saljenti f'kull forma ta' kondotta kolpuża, iżda għandha gradi differenti f'kull każ ta' imprudenza, negliġenza u imperizja, mentre hija preżunta fil-forma l-oħra fejn si tratta ta' reati minħabba non-osservanza ta' liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili. F'dawn il-każijiet mhux possibbli jew ammess lill-aġent li jressaq prova għall-kuntrarju. Hija hawnhekk preżunzjoni assoluta. Ma jistax l-aġent jgħid li dak l-event dannuż li ġara minħabba n-nuqqas ta' osservanza da parti tiegħu ta' xi regolament ma kienx wieħed prevedibbli għalih. Kif jgħidu diversi awturi, dan hu każ fejn dan l-element tal-prevedibbilita` tal-leġislatur qed jissostitwixxi dik ta' l-aġent. Hu preċiżament għalhekk li kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali.

18. In oltre fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech**, deċiża minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fil-21 ta' Marzu 1996, il-Qorti għamlet referenza għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' *colposita`* kif esposta mill-ġurista Francesco Antolisei u fasslet id-definizzjoni ta' kulpa fil-kamp penali bħala li tikkonsisti fl-essenza tagħha bħala ksur ta' dawk in-normi soċjali dettati mill-esperjenza tal-ħajja u mill-buon sens, li jwassal li tiġi kkawżata ħsara lil terzi. Dwar il-kunċett tal-kulpa, il-Qorti sostniet illi jeħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skont l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ('imprudenza'), traskuraġni ('negliġenza'), jew ta' ħila ('imperizia'), fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolmenti, li tkun segwita, b'ness ta' kawżalita`, minn event dannuż involontarju. Ingħad ukoll illi għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija, minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-*bonus paterfamilias*, ossia dik il-kondotta illi fil-każ konkret kienet tiġi wżata minn persuna ta' intelliġenza, diliġenza u sensibilita` normali; kriterju dan, illi filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallieh, fl-istess ħin, liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret. Il-Qorti kompliet tgħid illi biex wieħed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wieħed irid iżomm f'moħħu li fil-ħajja soċjali spiss jinħolqu sitwazzjonijiet li fihom attivita` diretta għal xi fini partikolari, tista' tagħti lok għal konsegwenzi dannużi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika, ossia l-esperjenza komuni għall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita` partikolari, tgħallem illi f'dawn il-każijiet, wieħed għandu juża ċerti prekawzjonijiet, bil-għan li jevita li l-interessi tal-oħrajn jiġu ppreġudikati.[5]

Ingħad in oltre f'din is-sentenza illi:

> Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-

[5] Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-Qorti Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli** tal-4 ta' Frar 1961.

traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni pozittiva indiretta.

19. L-element tal-prevedibbilita` għalhekk huwa neċessarju sabiex jitqies integrat ir-reat ikkontemplat fl-Artikoli 225(1) u 226(1) tal-Kodiċi Kriminali u dan hekk kif il-ħati jitqies li jkun aġixxa kolpożament fejn id-dannu kkawżat kien wieħed prevedibbli, għalkemm mhux previst u volut. Hawnhekk terġa' ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, fejn il-Qorti fissret illi:

> Il-konnotat karatteristiku tal-kulpa hu l-prevedibbilita` tal-event dannuż li kondotta llegali ta' xi ħadd tista' ġġib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejħa colpa incosciente a differenza minn dik l-imsejħa colpa cosciente li hija l-kulpa bl-element fiha tal-prevvist tal-akkadut.

20. F'dan ir-rigward, il Professur Mamo fin-noti tiegħu *Lectures in Criminal Law*, jagħmel referenza għall-insenjament tal-ġurista Francesco Carrara:

> *Il non aver previsto le consequenza offensiva sconfina la colpa dal dolo. Il non averla potuto prevedere, sconfine il caso dalla colpa (Carrara, §84).*[6]

21. In kwantu wkoll għal dan l-element tal-prevedibbilita`, jingħad illi minn ġurisprudenza iktar riċenti tal-Qrati tagħna, jidher illi t-tendenza hija dik li jiġi addottat it-test soġġettiv u ċioe` li jiġi mistħarreġ x'kellu f'moħħu l-aġent fil-mument tal-kummissjoni involontarja ta' dak ir-reat u jekk f'dak il-mument u f'dawk iċ-ċirkostanzi, setax l-aġent jipprevedi l-event dannuż. Fir-rigward, issir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ryan Sultana** mogħtija nhar is-26 ta' Mejju 2022, fejn intqal hekk:

> 48. Issa, għal dak li jirrigwarda l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż, kif osservat il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), jeżistu żewġ

[6] Ara paġna 68, l-ewwel Volum.

teoriji, dik soġġettiva li tenfasizza l-istat mentali tal-aġent tar-reat fil-mument li jagħmel l-att li wassal għall-event dannuż u f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari u, it-teorija oġġettiva li tibbaża t-test tal-prevedibilita' fuq il-perspettiva tal-bonus paterfamilas u ċjoe' ta' persuna ta' sagaċja ordinarja. Minn ħarsa akkurata tal-ġurisprudenza tal-Qrati, jidher li teżisti diverġenza fuq l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dan it-test. Jirriżulta kif fil-kawża **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli**, il-Qorti Kriminali abbraċċjat it-teorija oġġettiva tal-bonus paterfamilias bħala t-test sabiex tiġi determinata l-prevedibilita' o meno tal-event dannuż:

> Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li **s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias", dik il-kondotta, cioe, illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali**: kriterju li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallih fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione." (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27, p. 46)"

49. Madanakollu, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Kevin Sammut** deċiża nhar it-23 ta' Jannar 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali, it-teorija tat-test oġġettiv kienet skartata in kwantu ma tikkunsidrax l-istat mentali tal-akkużat fil-mument li jkun qiegħed iwettaq l-għemil krimunuż (negliġenti) **f'dawk iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun**:

> Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:
>
> **"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri**

**m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att.** Kif jispjega Gerald Gordon fil ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland:

""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."

"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:

""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.

"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by

punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the accused did; the accused is (ex hypothesi) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."

50. Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tirrileva li in kwantu l-Liġi Penali tagħna hija modellata fuq il-Codice Zanardelli tal-1889, it-tendenza hija iktar favur **l-interpretazzoni soġġettiva tal-element tal-prevedibilita'** u dan skont ma jirriżulta mill-kummentarju ta' diversi ġuristi Taljani fuq il-kunċett tal-kolpuż. **Ikun għalhekk ifisser li in fattispecie, irid jiġi eżaminat jekk l-appellat SULTANA, fiċ-ċirkostanzi li kien fihom, setax raġonevolment jipprevedi l-inċident bħala konsegwenza tas-sewqan tiegħu u mhux daqstant x'kien jagħmel bniedem ta' sagaċja ordinarja fl-istess sitwazzjoni.** (enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti)

22. Huwa paċifiku kif l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' kolposita` fl-ordinament ġuridiku penali tagħraf ukoll illi neċessarjament irid jiġi stabbilt ness bejn l-event dannuż u l-kondotta tal-aġent. Hawnhekk issir referenza mill-ġdid għas-sentenza fil-każ fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli** tal-4 ta' Frar 1961, fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fissret liema huma dawk l-elementi li jsawru r-reat ravviżat fl-Artikolu 225(1) tal-Kodiċi Kriminali:

Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-Artikolu 239 (illum 225) tal-Kodiċi Kriminali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), traskuraġni (negliġenza) jew ta' ħila (imperizja) fl-arti

> jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – **li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju**. (emfasi ta' din il-Qorti)

23. Imbagħad fuq dan in-ness ta' kawżalita` fejn si tratta ta' inċidenti stradali, issir referenza għal dak li ntqal minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Christopher Siegersma** deċiża nhar it-12 ta' Lulju 2007:

> Illi fir-rizoluzzjoni tar-responsabbilta' naxxenti minn incidenti awtomobilistici, ghandu dejjem jigi ezaminat x'kienet il-kawza prossima tas-sinistru (App.Krim. "Il-Pulizija vs. Emmanuele Grixti" (Kollez.Vol.XXXVII, iv. p.1217) u sabiex ikun hemm responsabbilta' ghall-kollizzjoni jinhtieg li jkun hemm nexus fis-sens li l-vjolazzjoni tkun kawza prossima tal-kollizzjoni. (App.Krim. "Il-Pulizija v. Nazzareno Micallef" [3.12.1960].)

24. Illi jeħtieġ illi din il-Qorti tistħarreġ ukoll jekk setgħetx il-vittma stess ikkontribwixxiet għall-inċident li wassal għall-ġrieħi tagħha, u jekk tali kontribut kienx tant b'saħħtu li jannulla kwalsiasi forma ta' kolpevolezza da parti tal-appellat jew altrimenti kienx fi grad tali li n-ness bejn is-sinistru stradali u s-sewqan tal-appellat ma jkunx jista' jiġi hekk imxejjen. Din hija l-hekk imsejħa negliġenza kontributorja u fir-rigward, l-insenjament ġurisprudenzjali huwa wieħed u ċioe` illi din ma teskludix ir-responsabbilta` tas-sewwieq sakemm din ma tkunx il-kawża unika tal-inċident. Hawnhekk issir referenza għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna fosthom, **Il-Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri** tal-25 ta' Settembru 2003, **Il-Pulizija vs Christopher Zammit** tal-20 ta' Settembru 2018, **Il-Pulizija vs Joseph Sultana** tal-21 ta' Ottubru 2011, **Il-Pulizija vs Joe Martin Cefai** tas-6 ta' Diċembru 2013 u **Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit** tat-30 ta' Settembru 2009.

Hekk per eżempju fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anna Rita sive Anita Camilleri** intqal hekk:

> Illi gie umbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor. (App. Kriminali:

"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri" (16.3.1961); "Il-Pulizija vs. John Polidano" (3.11.1963); "Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud" (XXXVII. p.IV. p.1131) u ohrajn.) Dana ghaliex il- "contributory negligence" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)

25. In kwantu għad-difiza ta' *sudden emergency,* huwa wkoll prinċipju assodat tal-Qrati tagħna li biex sewwieq jiskolpa ruħu mill-ħtija, il-perikolu jrid ikun wieħed li huwa ma jkunx qiegħed jistenna u li jkun ġie fuqu għall-għarrieda bħal meta jaqsam xi ħadd f'salt u jiġi quddiem il-vettura jew bħal meta jitfaċċa inaspettatament minn wara xi vettura. Ċertament, sabiex tiġi invokata b'suċċess id-difiża tal-*emerġenza subitanea,* l-emerġenza ma tridx tkun tali li tiġi maħluqa mis-sewwieq tal-vettura li tkun ikkawżat l-inċident. Fir-rigward issir referenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Mario Angelo Ernest Vincent Zammit</u>** tat-30 ta' Settembru 2009, fejn din il-Qorti, kif diversament preseduta, fissret il-kunċett ta' *emerġenza subitanea* b'referenza għal diversi sentenzi tal-Qrati tagħna u b'mod partikolari għal dik il-ġurisprudenza li tisħaq fuq in-neċessita` illi s-sewwieq ta' vettura ma jippretendix li l-*pedestrian* jaġixxi dejjem b'kawtela, speċjalment fejn dan ikun ta' ċerta eta` u minħabba f'hekk ma jkollux dik il-prontezza tal-movimenti u ma jkunx żvelt sabiex jaġixxi f'ċirkostanzi improviżi:

(2) "Il-*pedestrian* ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku, imma ghandu wkoll obbligi. Jekk il-*pedestrian* ikun qieghed ruhu f'post fejn mhux suppost ikun, u *driver* li jkun qed isuq karozza b'mod regolari jsib ruhu f'posizzjoni ta' emergenza subitanea minhabba fih, dak id-*driver* ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-*pedestrian* f'dik il-konsegwenza" – "**Il-Pulizija -vs- Alfred Caruana**", Appell Kriminali, 14 ta' Mejju 1955 (**Kollez. Vol. XXXIX P IV p 1031**).

…

(4) "Hu veru li anki l-*pedestrian* ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali; imma biex *driver* ta' karozza li jinvesti *pedestrian* u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta' l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-*pedestrian* li gie milqut;

u ma tistax tigi nvokata mid-*driver* l-iskriminanti ta' l-emergenza subitanea meta tikkonkorri l-kolpa ta' l-awtista, li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta' l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita` perfetta ta' komportament tal-*pedestrian* imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita` taghhom b'margini sufficjenti ta' sikurezza" – "**Il-Pulizija -vs- George Muscat**", Appell Kriminali, 6 ta' Mejju 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 947).

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anna Rita sive Anita Camilleri** deciz fil-25 ta' Settembru 2003, intqal:

"Illi gie ritenut *in subiecta materia* illi l-*pedestrian* ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-*driver* tal-*car* milli juza dak il-grad ta' *reasonable care* li tinhtieg. Dana kollu jinghad sakemm ma tkunx giet mill-*pedestrian* krejata lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. J. Formosa**, Vol. XLIII. P. IV p. 1023).

"F'sentenzi ohra imbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavvera ruha, e.g. 'meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi moviment insolitu w inaspettat' (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. J. Thornton** Vol. XLV. P. Iv p. 920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq; jew li jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza.' (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Cassar Desain** Vol. XLVI. P.IV. p765).

"Mill-banda l-ohra pero` gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*sudden emergency* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera** [13.12.1968]). Dan ghaliex f'kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *self inflicted incapacity* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

...

> Huwa dezumibbli minn dawn il-gudikati illi kemm il-*pedestrian* kif ukoll il-konducent ta' vettura ghandhom josservaw dejjem ir-regoli tal-prudenza u tal-bon sens fic-cirkolazzjoni stradali. Fattur determinanti iehor li jemergi minn dawn l-istess gudikati huwa dak li biex *driver* ta' vettura jiskansa ruhu minn addebitu ta' htija jrid juri li hu gie rinfaccjat minn sitwazzjoni inevitabbli li ssorprendietu. Dan aktar u aktar meta "fi trieqtu jinzerta nies li minhabba l-eta` taghhom jew ghal xi raguni ohra ma jkollhomx la dik ic-celerita` ta' percezzjoni, la dik il-prontezza ta' decizjoni, u lanqas dik l-izveltezza ta' movimenti, li jehtiegu c-cirkostanzi mprovvizi" – "**Il-Pulizija -vs- Joseph Thornton**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu 1961 (Kollez. Vol. XLV P IV p 920).

26. Illi fil-każ odjern, il-*parte civile* jixhed b'mod dettaljat fir-rigward tad-dinamika tal-inċident de quo. L-appellat, mill-banda l-oħra, ma jixhidx f'dawn il-proċeduri, kif *del resto* kellu kull dritt illi jagħmel. Da parti tiegħu, il-*parte civile* jixhed kif malli wasal l-appellat **SPITERI** fuq il-post bit-trakk tiegħu, huwa beda jagħmillu s-sinjali sabiex jirriversja lura fejn kien hemm ipparkjat it-trakk tal-*parte civile* u dan hekk kif dakinhar kienu sejrin jagħtu l-konkos u dan il-proċess kien jeħtieġ li ż-żewġ t-trakkijiet jitressqu qrib xulxin. Fi kliem il-*parte civile* "*Jien ghamilt indikazzjoni biex jibqa' gej ... Biex jigi b'lura biex jasal ukoll fuq il-post fejn kien hemm ix-xoghol*"[7]. Ix-xhud ikompli jispjega li hu u l-appellat **SPITERI** kienu qegħdin jikkomunikaw billi jħarsu lejn xulxin mill-mirja u jsostni li f'mument minnhom lill-appellat qallu biex jieqaf. Ix-xhud iżid li l-appellat fil-fatt waqaf milli jkompli jreġġa' lura t-trakk minnu misjuq u li dan seħħ hekk kif huwa tah l-istruzzjonijiet biex iwaqqaf it-trakk:

> Avukat: Ok pero jiena li saqsejtu kif assikurajt ruħu illi f'dan il-kaz partikolari Brian Spiteri kien fehem l-istruzzjonijiet li tah?
>
> Xhud: Għaliex it-trakk waqaf.[8]

27. Illi m'hemmx dubju mix-xhieda tal-*parte civile* illi minkejja l-kobor u l-ħsejjes kbar illi kienu qed jagħmlu l-inġenji f'dak il-mument, l-appellat **SPITERI** u l-*parte civile* kienu qegħdin jikkomunikaw sew sabiex isseħħ

[7] A fol. 17 tal-atti proċesswali.
[8] A fol. 24 tal-atti proċesswali

din il-manuvra. In oltre kif jikkonferma l-*parte civile* stess, dan il-proċess fejn wieħed jara lill-ieħor fit-twettiq ta' din il-manuvra bit-trakkijiet, kienet ilha tintuża minnu u mill-appellat għal iżjed minn sena u nofs, tant illi ma jidhirx li huwa kkontestat mill-appellat kif huwa kien qiegħed jimxi mal-istruzzjonijiet illi kien qiegħed jagħtih il-*parte civile* fit-twettiq ta' dik l-istess manuvra. Lanqas ma huwa kkontestat illi l-appellat kien qed iwettaq dik il-manuvra billi jagħmel użu mill-mirja tat-trakk sabiex ikun jista' jreġġa' l-vettura minnu misjuqa b'lura. Għaldaqstant, kellu raġun l-*parte civile* li jinsisti kif l-appellat kien ben konxju tal-pożizzjoni tiegħu mal-ġenb tat-triq, meta kien qed jagħti l-istruzzjonijiet tiegħu lill-appellat, minħabba fl-użu tal-mirja tat-trakk tal-istess appellat u dan fil-waqt li huwa kien qiegħed ireġġa' t-trakk tiegħu b'lura. Huwa evidenti wkoll mill-iskizz esebit mill-Prosekuzzjoni, u illi saret referenza għalih mill-*parte civile* billi mmarka fuqu l-posizzjonijiet rispettivi tiegħu u tal-appellat, illi l-istess appellat seta' jara lill-*parte civile* mill-mera fuq ix-xellug tat-trakk u tant fil-fatt kienu ftehmu illi t-trakk kellu jieqaf, illi l-appellat waqaf. Għalhekk il-*parte civile* ma kienx sempliċiment assuma illi l-appellat kien fehem illi kellu jieqaf għaliex fil-fatt it-trakk waqaf, skont l-istruzzjonijiet tal-istess *parte civile.*

28. Illi mill-provi miġjuba jirriżulta wkoll li sakemm l-appellat kien qiegħed ireġġa' t-trakk b'lura taħt l-istruzzjonijiet tal-*parte civile,* dan tal-aħħar kien mal-ġenb. Fil-frattemp it-trakk waqaf u l-*parte civile* jgħid li huwa ċċaqlaq billi mar fuq wara tat-trakk hekk kif dan kien jidher wieqaf fuq l-istruzzjonijiet illi ta huwa stess. Għaldaqstant jirriżulta illi l-inċident seħħ f'mument fejn il-*parte civile* ma baqax jidher mill-mirja tal-vettura misjuqa mill-appellat. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi l-*parte civile* ma tfaċċax fuq is-sit tal-kostruzzjoni mingħajr ma l-appellat kien jaf bih iżda sa ftit sekondi qabel, l-appellat kien qiegħed jara lill-*parte civile in plain view* mill-mirja tat-trakk misjuq minnu. Hekk illi allura l-appellat, mal-mument illi ma rax iktar lill-*parte civile* mill-mirja, ma adoperax il-kawtela kollha neċessarja qabel reġa' reġġa l-vettura tiegħu lura, mingħajr ma aċċerta ruħu fejn kien qiegħed il-*parte civile* fil-mument li huwa wettaq din il-manuvra. Huwa minnu li l-*parte civile* ukoll ħa riskju meta daħal wara t-trakk meta l-appellat kien għadu fil-kabina tal-istess. Iżda li kieku l-appellat aċċerta ruħu mill-pożizzjoni tal-*parte civile* qabel għal xi raġuni inspjegabbli, huwa reġa' beda jreġġa l-vettura b'lura, dan l-inċident

ma kienx iseħħ. L-appellat mhux biss kien traskurat fl-adoperazzjoni tal-vettura li kienet fil-kontroll tiegħu, talli huwa wettaq l-istess manuvra b'mod perikoluż u bla ma ħa d-debiti kawteli b'riskji u konsegwenzi serji għall-*parte civile.* Din il-Qorti ma tistax ma tqisx illi l-appellat kien konxju mill-preżenza tal-*parte civile* fil-viċinanzi tal-inġenji u għalhekk persuna li sa ftit sekondi qabel tkun qegħda viċin it-trakk minnu adoperat, ma tistax imbagħad tintesa daqslikieku ma kinitx fuq il-post. Sewwieq prudenti f'dik is-sitwazzjoni kien jaċċerta ruħu f'kull ħin mill-pożizzjoni tal-*parte civile* qabel ma jwettaq manuvra fl-għama, u dan b'mod partikolari tenut kont illi din il-proċedura kienet ilha tiġi adottata miż-żewġ partijiet għal iżjed minn sena u nofs.

29. La darba t-triq fejn seħħ l-inċident kienet inklinata l'isfel, kien is-sewwieq tat-trakk u ċioe` l-appellat, li kien fil-kontroll ta' dik il-vettura, li kellu jaċċerta ruħu li l-istess vettura ma treġġax lura f'mument fejn seta' jagħti l-każ li kien se jkun ta' perikolu għal terzi fuq is-sit ta' kostruzzjoni. Il-fatt li kien hemm l-istorbju qawwi tal-inġenji huwa fattur li ma jissarrafx f'ġustifikazzjoni għall-aġir non-kuranti u azzardat tal-appellat. Għall-kuntrarju, dan ikompli jżid in-neċessita` li f'dawk iċ-ċirkostanzi kellha tiġi adoperata kawtela, prudenza u diliġenza f'livelli aktar għolja sabiex tiġi assikurata s-sigurta` ta' terzi fuq is-sit, inkluż tal-*parte civile* li l-appellat kien jaf li kien jinsab preżenti fuq il-post fil-waqt li huwa kien qed jirriversja t-trakk tiegħu. Huwa evidenti illi la darba reġa' rriversja t-trakk tiegħu għat-tieni darba, l-appellat ma kienx qed jara lill-*parte civile*, li fil-frattemp kien daħal bejn iż-żewġ inġenji, li jindika illi allura l-istess appellat ma żammx '*a proper lookout*' u dan minkejja illi kien jaf illi l-*parte civile* kien qiegħed fil-viċinanzi tat-trakk tiegħu.

30. Għaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma meqjusa li f'dan il-każ, l-element ta' kontributorjeta` tal-vittma għall-inċident de quo, ma kienx fi grad li jxejjen in-ness ta' kawżalita` bejn l-aġir imprudenti u negliġenti tal-appellat fl-immanuvrar tat-trakk minnu misjuq u l-offiża gravi li ġarrab il-*parte civile* bħala konsegwenza prossima ta' tali aġir. M'hemmx dubju lanqas kif fit-treġġiħ mill-ġdid tat-trakk tiegħu b'lura, l-appellat saq b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, b'dan ukoll illi din il-Qorti qed tqis illi l-fatt li l-*parte civile* ma qiesx għal kollox il-perikolu li poġġa lilu nnifsu fih meta daħal bejn iż-żewġ inġenji mingħajr

ma stenna illi l-appellat jinżel mill-kabina tat-trakk tiegħu, huwa fattur li jeħtieġ li din il-Qorti tikkunsidra għall-fini tal-piena.

**DECIDE**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali u filwaqt li qiegħda tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, wara li rat l-Artikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, u l-Artikoli 17 u 226(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-appellat **Brian SPITERI** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, qed tiġi sospiża għal żmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi, kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fit-terminu operattiv tas-sentenza sospiża.

In oltre fit-termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, tiskwalifika lill-appellat milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan għall-perjodu ta' tliet (3) xhur, liema żmien jibda għaddej mil-lum.

Fit-termini tar-Regolament 36B u s-Sitt Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18, timponi sitt punti ta' penali fuq il-liċenzji tas-sewqan tal-istess appellat.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**